Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 29/2015

**Ian Falzon (appellat)**

**Vs**

**L-Awtorita' tat-Trasport f'Malta (appellanti)**

16 ta' Dicembru, 2016.

1. L-attur harrek lill-konvenut quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghas-somma ta' €9,900 rapprezentanti hmistax fil-mija (15%) tal-paga ta' Ian Falzon pagabbli bhala performance bonus dovuta lill-attur ghall-perjodu minn Jannar 2013 sal-31 ta' Dicembru 2013, u dan skond klawzola 5.1 tal-kuntratt ta' impieg tieghu datat 30 ta' Novembru 2010.

2. Il-konvenuta tat eccezzjoni li l-azzjoni hi preskritta skont l-artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili.

3. B'sentenza tat-28 ta' Ottubru, 2015 l-ewwel qorti cahdet l-eccezzjoni.

4. L-Awtorita appellat mis-sentenza u argumentat li:

    i. L-ewwel qorti kienet legalment zbaljata fil-konkluzjoni li waslet ghaliha. L-appellat kien jithallas fix-xahar u kien jircievi l-paga fis-sitta u ghoxrin (26) jum ta' kull xahar. L-artikolu 2147(c) jirreferi wkoll ghall-forrnituri. Ghalhekk hu evidenti li l-legislatur ma riedx jipprotegi biss pagi ta' nies li jithallsu bix-xahar.
    ii. L-ewwel qorti naqset milli tikkunsidra jekk verament l-azzjoni tal-appellat kinitx preskritta.

5. L-appellat wiegeb, fejn ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigu michud.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

6. L-Artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili jipprovdi li huma preskritti bl-eghluq ta' sena:

*"l-azzjonijiet tas-sefturi jew persuni ohra mhallsin bix-xahar, tal-artigjani jew tal-haddiema bil-gurnata, ghall-hlas tal-granet tal-pagi, tas-salarji, jew tal-fornituri li jkollhom jiehdu"*.

7. Il-qorti tibda biex tfakkar li d-disposizzjonijiet tal-preskrizzjoni estintiva ghandhom jinghataw interpretazzjoni restrittiva.

8. L-attur kien impjegat mal-konvenuta bhala Direttur Generali – Avjazzjoni Civili, u jippretendi li ghandu dritt jithallas *performance bonus* bir-rata ta' 15% ghall-perjodu Jannar 2013 sa Dicembru 2013.

9. Skond klawzola 5.1 tal-kuntratt ta' impieg li kellu l-appellat:

*"The Employee shall be entitled to an annual performance bonus of up to fifteen (15%) percent of the annual gross salary at the time based, amongst other, on agreed performance objectives and Key Performance indicators (KPIs). The absence of KPIs will not be a reason for a reduction or loss of the performance bonus"*.

10. Kif sewwa osservat l-ewwel qorti, l-Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452) jipprovdi li:

*"paga tfisser rimunerazzjoni jew qligh, li jithallsu minn principal lill-impjegat u tinkludi kull bonus li jithallas skont l-artikolu 23*[1] ***minbarra kull bonus jew allowance relatati mal-esekuzzjoni tax-xoghol jew mal-produzzjoni****"*.

Il-fatt li fl-Artikolu 2147(c) tintuza l-kelma paga u wkoll salarju, hemm distinzjoni fis-sinifikat taghhom. Il-Qorti taqbel li l-kelma *"tal-granet tal-pagi"* (fit-test Taljan *"pel pagamento delle loro giornate"*) qeghda tirreferi ghal dawk il-haddiema li jahdmu bil-gurnata. F'dan il-kuntest issir riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Alex Caruana vs Joseph Vassallo** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Dicembru 1978. M'hemmx dubju li l-attur ma kienx jahdem bil-gurnata.

Hu ghalhekk evidenti li *performance bonus* hu hlas **apparti s-salarju**. *Performance bonus* mhuwiex il-paga u lanqas is-salarju.

Il-qorti ssibha wkoll bi tqila biex taqbel mal-konvenuta li l-kelma *'fornituri'* (*supplies*) tinkludi l-*performance bonus*. Kelma li ma tatix lill-qorti x'tifhem li qeghda tirreferi ghall-hlas ta' somma flus, darba fis-sena. Inoltre, f'kull kaz fid-dubju l-interpretazzjoni ghandha tkun kontra l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

[1] Il-*performance bonus* mhuwiex inkluz fil-bonus regolat mill-Artikolu 23 tal-Kap. 452.

11. Il-qorti tosserva wkoll li skont klawzola 5.0 is-salarju tal-attur kien imhallas bis-sena. F'dik il-klawzola jinghad x'salarju kellu l-attur ghal kull sena. Hu veru li l-attur kien jircievi s-salarju kull xahar, pero' l-hlas kien kalkolat fuq is-salarju ta' sena. L-artikolu 2147(c) ma japplikax ghal salarji mhallas bis-sena.

12. B'riferenza ghat-tieni aggravju, hu ovvju li ladarba l-ewwel qorti kkonkludiet li l-artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili ma japplikax ghall-kaz in ezami, ma kellhiex bzonn tiddetermina jekk l-azzjoni kinitx preskritta skont l-imsemmija disposizzjoni. F'kull kaz Raymond Fava, ufficjal tal-konvenuta, xehed li l-*performance bonus* jithallas, *"... fil-paga ezattament ta' qabel il-Milied. Il-performance assessment ma jilhaqx isir sa dak iz-zmien. Ittiehdet id-decizjoni li jinghata nofsu u l-bilanc jithallas f'pagamenti ulterjuri meta jigi konkluz. Nghid illi sa fejn naf jien l-appraisal ma sarx rigwardanti s-sena 2013 fil-konfront tar-rikorrenti"* (fol. 53). Dan ifisser li l-iktar kmieni li kien isir dovut il-*performance bonus* hu lejn l-ahhar ta' Dicembru ta' kull sena. Mill-atti jirrizulta li:

i. Il-pretensjoni tal-attur tirrigwarda l-*performance bonus* ghas-sena 2013. Fit-18 ta' Novembru 2014, igifieri qabel ghaddiet is-sena, l-atturipprezenta ittra ufficjali (fol. 46) fejn nterpella lill-konvenuta thallsu s-somma ta' €9,900 bhala *performance bonus*. Fl-20 ta' Novembru, 2014 saret in-notifika lill-konvenuta. Hu veru li fil-parti ta' fuq tal-ittra ufficjali jinghad *"Lil: Chairman, L-Awtorita tat-Trasport f'Malta....".* Madankollu fil-parti t'isfel l-intimat hu dikjarat, ***"L-Awtorita tat-Trasport f'Malta"***. Ghall-qorti m'hemmx dubju li l-pretensjoni tal-attur kienet u saret fil-konfront ta' dik li kienet il-principal tieghu, cjoe' l-Awtorita tat-Trasport f'Malta. F'dan ir-rigward l-Att dwar l-Awtorita' tat-Trasport F'Malta (Kap. 499) ukoll jipprovdi li r-rapprezentanza legali tal-Awtorita hi vestita fic-Chairperson jew l-Ufficjal Ezekuttiv Ewlieni. Inoltre, l-interpellazzjoni li ghamel l-attur kienet sabiex jithallas il-*performance bonus* kontemplat fi klawzola 5.1 tal-kuntratt ta' impieg. Kuntratt li sar bejn il-kontendenti fil-kawza.
ii. Fit-22 ta' Jannar 2015 l-attur ipprezenta l-kawza.

Ghalhekk ukoll jekk ghall-grazzja tal-argument wiehed kellu jaqbel mat-tezi tal-konvenuta li ghal kaz japplika l-artikolu 2147(c), f'Novembru 2014 sehhet interruzzjoni tal-preskrizzjoni. **Sa dak iz-zmien zgur li t-terminu ta' sena**

**kien ghadu ma skadiex**. Xahrejn wara l-attur ipprezenta l-kawza, f'liema stadju t-terminu tal-preskrizzjoni ma baqax jiddekorri.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

**Tordna li l-atti jintbaghatu lura quddiem l-ewwel qorti sabiex tissokta bis-smiegh tal-kawza.**

Anthony Ellul.